# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. GRAZIO MERĊIEĊA LL.D.

## Rikors Nru. 843/2018GM

**MALTA STOCK EXCHANGE PLC**

**VS**

**PEFCO INTERNATIONAL PLC (C65718)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat imressaq fl-14 ta' Awwissu 2018 mill-Malta Stock Exhange plc (C42525) fejn esponiet bir-rispett u bil-ġurament iddikkjaraw u ikkonfermaw il-fatti li huma jafu bihom personalment

(i) Illi l-istanti esponenti tiġġestixxi l-attivita' tas-suq kapitali u depożitorju ċentrali tat-titoli taħt l-isem ta' 'Malta Stock Exchange' ossija 'Borża ta' Malta';

(ii) Illi fuq talba tagħha tas-17 ta' Lulju 2014, il-kumpanija intimata kienet ġiet ammessa għall-Elenku tal-kwotazzjonijiet (Admission to Listing) fil-Borża ta' Malta fil-25 ta' Lulju 2014 (ara hawn anness kopja awtentika tal-istess Listing Application 'Dok A' u l-avviż tal-Borża ta' Malta Exchange Notice Numru 1066 li kien iħabbar l-ammissjoni "Dok B');

(iii) Illi l-ammissjoni fil-Borża ta' Malta hija fost l-oħrajn regolata mill-Bye-laws tal-istess Borża, aċċettati mill-istess kumpanija intimata skont it-talba tagħha 'Dok A' hawn fuq imsemmija, u in partikolari Bye-law 5.04.01 li tiddisponi li '*An insurer must pay the annual admission fee for as long as its financial instrument remains on any of the recognized lists of the Exchange*

*calculated in accordance with the Exchange's scale of fees for the time being in force as soon as such payment becomes due*'. It-Tariffa tad-drittijiet, kompriżi wkoll *late payment fees*, huma kontenuti fl-Exchange Notice 1 'Fees and Other Charges' u senjatament taqsimiet tagħha Sections 3 u 4 u n-Nota fit-tmiem dwar konsegwenzi rigward ħlas moruż, hawn anness u immarkat bħala 'Dok Ċ';

(iv) Illi l-kumpanija intimata ma baqgħetx ikkwotata fuq il-Borża ta' Malta nhar id-19 t'April 2018 skont ma jirriżulta mill-anness kopja awtentika tal-avviż Exchange Notice Numru 1463 hawn immarkata bħala 'Dok D';

(v) Illi r-rikorrenti għal diversi drabi bonarjament sejħu lill-kumpanija intimata sabiex tħallas l-ammont ċert, likwidu u dovut kif fuq ingħad, bla preġudizzju għall-imgħaxijiet dovuti sal-pagament effettiv u li l-istess kumpanija intimata stess irrikonoxxiet u aċċettat li għandha tħallas l-istess ammont iżda xorta waħda baqgħet inadempjenti;

(vi) Illi l-ammont ċert, likwidu u dovut mill-intimat sat-13 t'Awwissu 2018 ilaħħaq is-somma ta' €33,676.88, bla preġudizzju għall-imgħaxijiet sal-pagament effettiv u spejjeż tal-preżenti proċedura, kif jirriżulta mill-anness statement of account aġġornat sat-13 t'Awwissu 2018 hawn anness u immarkat bħala 'Dok E';

(vii) Illi skont l-art.167 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta), u a tenur ta' liema dispożizzjonijiet l-esponenti rikorrenti tiddikjara ulterjorment li sa fejn taf, il-konvenut m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti kontra t-talbiet fil-kawża odjerna u li kwindi skond l-istess dispożizzjonijiet tista' tgħid tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ;

(b) <u>IR-RAĠUNI TAT-TALBIET</u>

(viii) Illi minkejja li l-kumpanija intimata konvenuta giet regolarment imsejħa sabiex tħallas l-ammont ċert, likwidu u dovut kif fuq ingħad, l-istess konvenuta baqgħet inadempjenti;

(ix) Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża, bit-talbiet hawn isfel elenkati li prevja akkoljiment minn din l-Onorabbli Qorti jistgħu ikunu mismugħa u deċiżi bi proċediment sommarju speċjali skont il-liġi;

(ċ) IT-TALBIET

Għaldaqstant tgħid mela għalhekk il-kumpanija intimata konvenuta għaliex din il-Qorti m'għandhiex in vista tas-suespost jogħgobha:

(1) Tipproċedi għas-sentenza skont it-talbiet attriċi segwenti bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-art.167 tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta);

(2) Tiddikkjara li l-kumpanija intimata konvenuta debitriċi tar-rikorrenti fl-ammont ċert, likwidu u dovut ta' €33,676.88;

(3) Tikkundanna lil kumpanija intimata konvenuta tħallas ċert, likwidu u dovut ta' €33,676.88.

Bl-iżpejjeż kontra l-kumpanija intimata konvenuta, kif ukoll bl-imgħaxijiet relattivi fuq l-istess ammont sal-pagament effettiv.

Rat ix-xhieda u affidavits esebiti fl-atti;

Rat in-nota ta' ammissjoni tas- soċjeta' intimata Pefaco International Plc datata 5 t'Ottubru 2018;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-każ;

Ikkunsidrat:-

Illi in vista tal-ammissjoni indikata fil-paragrafu preċedenti din il-Qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprovat t-talbiet tagħha skont il-liġi, u konsegwentement:

DECIDE:

1. Tilqa' t-talbiet attriċi u tikkundanna lill- kumpanija intimata Pefaco International Plc biex tħallas lir-rikorrenti Malta Stock Exchange plc., s-somma ta' tlieta u tletin elf, sitt mija u sitta u sebghin Ewro u tmienja u tmenin ċentezmu (€33,676.88), bilanċ dovut mill-istess kumpanija intimata lill-imsemmija rikorrenti skont it-talbiet u dokumenti esebiti, flimkien mal-imgħax dovuti, sad-data tal-effettiv pagament;
2. Bl-ispejjeż kif dedotti fl-istess rikors ġuramentat promotur kontra l-imsemmija kumpanija intimata.

Onor. Grazio Merċieċa

IMHALLEF